MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 50/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Simon Haber**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Simon Haber talli fil-5 ta' Jannar 2005 ghall-habta tas-07.30 hrs fi Triq Reggie Miller, Sliema:

(1) Saq vettura Nru. IMY-322 (Minibus) minghajr ma kellu fil-pusses tieghu jew liebes tag ta' l-identita` mahruga mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta;

(2) Saq l-imsemmija vettura Nru. IMY-322 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, jew mill-Awtorita` tat-Trasport ta' Malta taht dik il-

kategorija specifikata ghall-imsemmija vettura u/jew saq l-imsemmija Minibus meta ma kienx awtorizzat biex jaghmel hekk mid-Direttorat tat-Trasport Pubbliku;

(3) B’ hekk ma kienx kopert b’polza tas-sigurta` dwar ir-riskji ta’ terzi persuni.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Simon Haber jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta’ mhux anqas minn tnax-il xahar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Frar 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Simon Haber hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta’ ammenda ta’ Lm10 fuq l-ewwel imputazzjoni, multa ta’ Lm1100 fuq it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, oltre li skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Simon Haberipprezentat fit-13 ta’ Frar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u, minghajr pregudizzju, fil-kaz li din il-Qorti ssib htija, tirriforma l-piena ghal wahda aktar gusta u ekwa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju principali ta’ l-appellant jirrigwarda l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti.

Issa, in materja ta’ apprezzament ta’ provi, gie kostantement ritenut li huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti

ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall--konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Barra minn hekk ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[2]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[3].

Din il-Qorti kellha okkazjoni tisma' x-xhieda hi stess u inoltre hasbet fit-tul dwar dak li xehdu u waslet ghall-

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

[3] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

konkluzjoni li jekk l-ewwel Qorti kellha quddiemha l-provi li semghet din il-Qorti, difficilment setghet tasal ghall-konkluzjoni li l-appellant ma kellux jinghata l-beneficcju tad-dubju. Il-verzjonijiet moghtija huma djamettrikament kontrastanti. Minn banda hemm ix-xiehda ta' l-ufficjali ta' l-ADT li sostnew li waqqfu lill-appellant meta kien qieghed isuq il-van in kwistjoni, filwaqt illi mill-banda l-ohra hemm ic-cahda kategorika ta' l-appellant. Meta l-appellant xehed, din il-Qorti nsistiet mieghu dwar is-sinifikat tal-gurament u l-konsegwenzi jekk kellu jirrizulta li ma kienx qieghed jghid il-verita` u xorta baqa' ferm fil-verzjoni tieghu li ma kienx qieghed isuq il-minibus meta gew fuqu l-ufficjali tal-ADT izda kienet Antoinette Falzon, sidt il-minibus. Imbaghad, il-fatt illi ghamel it-test proprju ghaxart ijiem biss wara dan l-incident iggieghel lil din il-Qorti ssaqsi f'dan il-kaz partikolari: x'sens seta' kien hemm illi jirriskja li ma tinhariglux il-licenzja billi jittanta jsuq van li ma kienx ghadu licenzjat illi jsuq?

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u b'hekk tilliberah minn tali imputazzjonijiet u minn kull piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------